MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 30/2006

**Brian VELLA**

**vs**

**L-AVUKAT ĠENERALI u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-10 ta’ Mejju, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li din il-Qorti (a) tiddikjara li l-fatt li huwa sejjer jgħaddi ġuri quddiem il-Qorti Kriminali kif presjeduta u daqshekk qrib iż-żmien meta ġie xolt il-ġuri ta’ qabel kontrih “sejjer jikkostitwixxi u jinduċi jew jikkostitwixxi” ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif inkorporata fil-Liġijiet ta’ Malta Kapitolu 319 u fil-Kostituzzjoni ta’ Malta, u (b) konsegwentement, tgħaddi biex tagħti dawk ir-rimedji meħtieġa ħalli d-drittijiet tiegħu jiġu mħarsa mill-preġudizzju serju li nħoloq minħabba l-imsemmija

ċirkostanzi, u (ċ) li tagħti dawk id-direttivi kollha li jidhrilha xierqa u meħtieġa;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-30 ta' Mejju, 2006, li biha, u bil-mod u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalu li din il-Qorti għandha twarrab it-talbiet tar-rikorrenti billi (a) tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' l-kawża ladarba l-istess rikorrenti ma eżawriex ir-rimedju ordinarju disponibbli għalih; u f'kull każ, (b) li l-fatti msemmija mir-rikorrent ma jwasslu għall-ebda ksur ta' xi dritt fundamentali tar-rikorrent kif imħares mill-Konvenzjoni jew mill-Kostituzzjoni ta' Malta;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar jekk din il-Qorti għandhiex tagħżel li ma tużax is-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' l-kawża;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-8 ta' Ġunju, 2006, li fih l-avukati tar-rikorrenti iddikjaraw li l-ilment tar-rikorrent kien imsejjes kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u kif ukoll taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-bieraħ li bih ħalliet il-kawża għal-lum għad-deċiżjoni dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorent dwar il-proċess ta' ġuri li huwa ġie msejjaħ jgħaddi dwar reati li huwa mixli bihom. Huwa jgħid li l-ġuri sejjer jikser il-jedd tiegħu ta' smigħ xieraq kemm dwar dak li għandu x'jaqsam mal-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu u kif ukoll dwar il-ħtieġa li huwa jidher quddiem Qorti indipendenti u imparzjali;

Illi l-intimati ressqu l-eċċezzjoni preliminari li fiha stiednu lil din il-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha kostituzzjonali ladarba r-rikorrent għadu ma eżawriex ir-rimedju ordinarju li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar din l-eċċezzjoni;

Illi l-fatti rilevanti li jirriżultaw mill-atti juru li r-rikorrent jinsab mixli b'reati partikolari. Inbdew proċedimenti kontrih dwar dawk ir-rejati quddiem il-Qorti Kriminali. Għal darbtejn, dawk il-proċedimenti twaqqfu meta, għal raġunijiet differenti, l-ġuri ġie xolt. L-aħħar proċediment intemm b'dan il-mod f'Jannar ta' din is-sena. F'April, il-Qorti Kriminali reġgħet appuntat il-ġuri tar-rikorrent mill-ġdid għall-5 ta' Ġunju, 2006. Ir-rikorrent ressaq talba quddiem dik il-Qorti sabiex il-ġuri hekk appuntat ma jsirx. B'degriet tagħha tas-7 ta' April, 2006, dik il-Qorti ċaħdet it-talba u irriżervat li tieħu l-miżuri kollha waqt il-ġuri biex jiġi assikurat id-dritt tal-akkużat għal smigħ xieraq. Fl-10 ta' Mejju, 2006, infetħet din il-kawża;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li l-Qorti tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha biex tisma' l-kawża**, l-intimati jibnu din l-eċċezzjoni fuq l-argument li r-rikorrent kellu u għad fadallu rimedji oħra ta' xejra "ordinarja" li jiggarantulu s-smigħ xieraq li jistħoqqlu jkollu. Jgħidu li ma kellux għalfejn jirrikorri għal din il-kawża. Jgħidu li r-rimedji oħra li l-liġi tikkunsidra jinkludu wkoll dawk ir-rimedji li, għalkemm jista' jkun li m'għadhomx disponibbli għar-rikorrent, kienu disponibbli għalih fi żmien xieraq u naqas li jirrikorri għalihom. Dwar ir-rimedju ordinarju li r-rikorrent għad fadallu, l-għaref difensur tal-intimati semmiet il-fatt innifsu tal-proċess tal-ġuri u tal-eventwali appell minnu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

Illi r-rikorrenti jwarrab din l-eċċezzjoni minħabba li jisħaq li dak ir-rimedju ordinarju msemmi mill-intimati ma jistax jagħti rimedju "kostituzzjonali", liema rimedju jista' jingħata biss minn Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali, bħal ma hija din li kellu jitressaq qudddiema l-preżenti lment. Minbarra dan, huwa jgħid li kif ġraw l-affarijiet, ma setax jieħu jew jipprevedi li jirrikorri

għal ċerti rimedji qabel ma seħħew il-ġrajjiet li wasslu għax-xoljiment taż-żewġ ġurijiet;

Illi minħabba li r-rikorrent qiegħed iressaq l-ilment tiegħu kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, joħroġ li l-eċċezzjoni li l-Qorti jmissha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* għas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, li t-tnejn jużaw l-istess kliem għalkemm mhux it-tnejn jorbtu bl-istess mod lill-Qorti fl-użu tad-diskrezzjoni tagħha[1];

Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[2]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li xorta waħda ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad f'dan ir-

[1] Ara Kost. **16.11.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Arena noe vs il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.257**)
[2] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfitxxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[3];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[4]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[5];

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[6]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[7];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent

[3] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***

[4] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

[5] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

[6] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[7] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[8]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[9]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[10];

---

[8] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

[9] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

[10] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[11]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha tiġi wżata fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u toħloq bilanċ biex, mill-banda l-waħda, twaqqaf lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali, u mil-banda l-oħra żżomm milli jiġi maħluq xkiel bla bżonn lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[12];

Illi fil-każ li għandna quddiemna, l-ilmenti tar-rikorrent huma li, minn kif seħħew il-ġrajjiet tal-mixja ġudizzjarja tal-każ tiegħu sal-lum, sejrin jintlaqtu kemm il-jedd tiegħu li jitqies innoċenti sakemm (jew jekk) jinsab ħati, u wkoll li l-proċess innifsu m'huwiex sejjer jiggarantilu smigħ xieraq quddiem Qorti imparzjali. Huwa jorbot tali lmenti ma' tliet ċirkostanzi ewlenin: (a) l-ewwel, li ngħatat pubbliċita' fil-ġbir ta' xhieda ta' persuna kompliċi mar-rikorrent fir-rejati li huwa mixli bihom; (b) it-tieni, li ngħatat pubbliċita' tax-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija li kienet l-episodju li wassal għax-xoljiment tal-ġuri; u (ċ) it-tielet, li l-imħallef li quddiemu sejjer jinżamm il-ġuri appuntat tar-rikorrent, huwa l-istess ġudikant li ippresieda l-ġuri ta' persuna li kienet mixlija b'kompliċita' mar-rikorrent fir-rejati li huwa mixli bihom, u kif ukoll il-ġudikant li ppresieda ż-żewġ ġurijiet li nbdew fil-konfront tar-rikorrent u li ġew xolti;

Illi l-Qorti ħasbet ħafna fuq dan ix-xenarju fil-qafas tal-eċċezzjoni taħt eżami, partikolarment meta qiegħed jingħad mir-rikorrent li l-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq huwa kemm wieħed oġġettiv u kif ukoll wieħed suġġettiv. Qieset sewwa wkoll il-prova mressqa mill-intimati tar-rimedju li huma jgħidu li r-rikorrent għand u kellu f'kull waqt tal-*iter* proċesswali li qiegħed jgħaddi minnu. Minn dawn ir-riflessjonijiet li għamlet jidhrilha li r-rikorrent tassew għad għandu għad-dispożizzjonijiet tiegħu rimedju "oriġinali" insitu fil-proċediment kriminali li huwa msejjaħ

---

[11] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***

[12] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***

jidher għalih. Il-Qorti tqis li tali rimedju, minkejja kulma seħħ s'issa, m'huwiex irrimedjabilment kompromess;

Illi, f'dan ir-rigward, jidher għaqli ħafna li wieħed ifakkar li m'għandu jkun qatt li din il-Qorti, fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali tagħha, jkollha d-dritt li tistħarreġ il-mertu u l-mod kif xi Qorti oħra għandha tinterpreta jew tapplika l-liġi u dan taħt l-iskuża li b'hekk ikun qiegħed jitħares il-jedd ta' smigħ xieraq kif iridu l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni[13];

Illi għalkemm huwa minnu, kif jargumenta l-għaref difensur tar-rikorrent, li la l-Qorti Kriminali u lanqas il-Qorti tal-Appell Kriminali ma jistgħu jagħtu rimedju ta' għamla kostituzzjonali, madankollu argument bħal dan jisposta, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-parametri tal-kwestjoni li għandna quddiemna. Fl-ewwel lok, għaliex il-liġi nnifisha[14] tagħti tweġiba għal sitwazzjoni bħal din li tista' tinqala' quddiem Qorti oħra li ma tkunx din il-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali. Fit-tieni lok, dan jingħad għaliex huwa mistenni u preżunt li l-proċediment quddiem kull Qorti jitmexxa b'mod li jħares id-dritt ta' smigħ xieraq, u dan b'ħarsien tar-regoli u rimedji proċedurali li kull Qorti għandha s-setgħa li taħdem taħthom. M'huwiex għalhekk preżunt li Qorti li ma tkunx ta' kompetenza "kostituzzjonali" se' tkun minnufih miżmuma milli, fit-tmexxija ta' kawża li jkollha quddiemha, tara li l-jedd ta' smigħ xieraq tal-partijiet li jidhru quddiemha jitħares tassew. Dan jgħodd kemm għall-proċedimenti quddiem Qorti ta' ġurisdizzjoni Kriminali u kif ukoll fil-każ ta' Qorti ta' kompetenza Ċivili;

Illi kieku wieħed jitlaq bil-premessa magħmula mir-rikorrent f'din il-kawża, m'hemmx dubju li sejra tinħoloq bixra perikoluża u anomala li, mqar fuq biżgħa jew ħsieb ħażin, l-ebda kawża ma tkun tista' tinbeda jekk qabel ma jkunx tressaq ilment kostituzzjonali biex jgħarbel jekk tali biżgħa jew ħsieb ħażin kienx fondat. U biex tagħmel hekk, din il-Qorti jkollha tabilfors tagħti "pre ġudizzju" fuq l-operat u l-komposizzjoni ta' Qorti oħra qabel ma dik tkun

---

[13] Kost. **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.238** a fol. **262-3**)

[14] Fl-artikoli 46(3) tal-Kostituzzjoni u 4(3) tal-Kap 319

imqar bdiet twettaq xogħolha. Fil-fehma meqjusa ta’ din il-Qorti, dan ikun ifisser ħbit jew attakk ta’ sfiduċja *a priori* fis-sistema ġudizzjarju tagħna. Din ix-xejra tista’ twassal ukoll biex, fuq ix-xilja li l-proċediment huwa mtebba’ bil-preġudizzju tan-nuqqas ta’ smigħ xieraq, Qorti effettivament tinżamm milli twettaq xogħolha;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li kienet tkun imprudenti li tagħżel li tistħarreġ l-ilment tar-rikorrent f’dawn iċ-ċirkostanzi, għaliex kienet tkun qegħda tantiċipa xenarji ta’ mġiba u atteġġamenti li jistgħu lanqas biss iseħħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi billi:

**Tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati**, u peress li tqis li r-rikorrent kellu u għandu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju ieħor effettiv, tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skond il-*proviso* tal-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta, u b’hekk teħles lill-intimati milli jibqgħu fil-ġudizzju;

Tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, **l-ispejjeż għandhom jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------